# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 376/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**Vs**

**Bashar Sheikh Ahmad Antar**
(Karta tal-Identità Bulgara Nru. 141019683)

U

**Yusef Sheh Ahmad Haled**
(Karta tal-Identità Bulgara Nru. 9201019745)

**Illum, 13 ta' Marzu 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Bashar Sheikh Ahmad Antar** iben Antar u Besi, residenti Flat No. 3, Triq l-Għabex, kantuniera ma Triq il-Ġostra, Swatar, detentur tal-Karta tal-Identità Bulgara Nru. 141019683, imwieled is-Sirja, nhar l-1 ta' Jannar 2001 u **Yusef Sheh Ahmad Haled**, iben Haled u Suad Ahmed Mustu, residenti 22, San Andrea Court, Flt 5, Triq Massabielle, San Ġwann, detentur tal- Karta tal-Identità Bulgara Nru.

9201019745, imwieled is-Sirja, l-1 ta’ Jannar 1992, fejn huma ġew akkużati :

Talli nhar l-1 ta’ Awwissu 2020 bejn l-04:00hrs u s-06:00hrs ta’ filgħodu, ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan:-

1. Volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħwejjeġ jitqiesu bħala proprjetà pubblika, għad-detriment ta' “ThreeSixty Ltd”, liema ammont ta' ħsara teċċedi fl-elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500);

2. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

3. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi talli f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku kien jinsab fis-sakra b’mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;

Rat illi nhar l-10 ta’ Awwissu 2020 kemm l-akkużati kif ukoll l-Avukat Ġenerali taw il-kunsens tagħhom ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex l-akkużati jiġu trattati bi proċedura sommarja;

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif ppresjeduta nhar it-28 ta’ Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma’ x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużati;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-kawża odjerna tirrigwardja ġlieda li seħħet bejn xi persuni ta' nazzjonalità Sirjana u s-*security* fi stabbiliment "Club H", ġewwa Paceville, San Ġiljan fl-1 ta' Awwissu 2020. Ġara illi f'dan l-istabbiliment, addett tas-sigurtà ra persuna, li kienet parti minn grupp ta' Sirjani, twaddab tazza ma' l-art u mar biex joħroġha 'l barra. Persuna oħra fl-istess grupp mar ikellem lill-addett biex jikkonvinċieħ ma joħorġux iżda l-addett, u kollegi tiegħu, ħarġu l-grupp 'l barra. Is-Sirjani, min-naħa tagħhom, bdew iwaddbu tazzi lejn il-faċċata tal-istabbiliment u anke ikkawżaw xi danni. Il-pulizija rrikorrew fuq il-post u ħadu d-dettalji li xi persuni li kienu fuq il-post. Il-pulizija arrestaw xi persuni dakinhar iżda rrilaxxawhom sabiex jissoktaw bl-investigazzjonijiet.

Illi wara xi ftit jiem, il-pulizija kisbet l-istima tal-ħsarat ikkawżati kif ukoll CCTV *footage* rigward l-inċidenti. Huma bagħatu għall-akkużati odjerni sabiex inkellmuhom u l-għada li kellmuhom il-pulizija ressquhom il-Qorti bil-preżenti akkużi.

Illi fuq il-post mar PS750 Terry James Mallia li, fix-xhieda tiegħu,[1] spjega li fuq is-sit hu ra kommossjoni quddiem l-istabbiliment Club H u kellem lil xi persuni involuti. Ra wkoll xi tazzi jtiru lejn il-faċċata tal-istabbiliment iżda ma rax min tefagħhom. Skond il-persuni Sirjani li tkellem magħhom, il-*bouncers* tefgħuhom 'l barra għax wieħed minnhom, ċerta Shek Abdul, waqqa' tazza mal-art ġewwa l-istabbiliment. Hu tkellem ukoll mal-*bouncer* Matthew Camilleri li spejga li ra lil Abful jitfa' t-tazza u mhux iwaqqagħha. Dak il-ħin PS759 ried iferrex il-ġemgħa u ra lil Bashar Sheikh Ahmad Anter preżenti fuq il-lok fil-ħin tal-kommossjoni. Qal, però lil Yusef Ahmad Haled ġie arrestat peress li <u>wara</u> li ferrxu lill-ġemgħa, dan reġa mar quddiem il-Club H jgħajjar u jagħmel sinjali lill-persuni li kienu fl-istabbiliment. Hu qal

[1] Ara x-xhieda mogħtija fis-27 ta' Novembru 2020, a fol. 46 tal-atti proċesswali.

li talab li jingħata s-*CCTV footage* tal-inċident mill-*cameras* li kien hemm fil-viċinanzi.

Xehed ukoll Matthew Camilleri[2] fejn qal li dakinhar tal-inċident hu kien qed jaħdem bħala *security* fi "Club H"'. Qal li għal ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu is-surġent għamillu sinjal biex tintefa l-mużika. Hu u dieħel fl-istabbiliment, ra persuna twaddab tazza għal ma' l-art ħdejn sieq ta' tfajla. Qal li mar biex joħorġu u fil-pront ġiet persuna oħra, li għarfu bħala Bashar Sheikh Ahmad Anter, ikellmu biex ma joħorġux. Flimkien ma *bouncer* ieħor huwa ħareġ 'l barra mill-istabbiliment kemm lil dik il-persuna li waddbet it-tazza kif ukoll lil Bashar Sheikh Ahmad Anter. Qal li imbagħad bdiet xita ta' fliexken. Hu ma jafx min kien involut f'din il-kommossjoni għax kien hemm ħafna persuni. Qal li Yusef Ahmad Haled kien qiegħed iwaqqafhom milli jiġġieldu filwaqt li għalkemm hu ħareġ lil Bashar Sheikh Ahmad Anter 'l barra mill-istabbiliment, dan ma tahom ebda inkwiet.

Xehed ukoll Joseph Rivans[3] li qal li hu kien qiegħed *bouncer* il-Havana li jiġi bieb ma bieb ta' fejn l-inċident *de quo*. Qal li ra l-*bouncers* tal-Club H joħorġu żewġ persuni u minn hemmhekk dak il-ħin inqalgħet kommossjoni kbira. Qal li hu mar isejjaħ l-għajnuna tal-pulizija. Qal li kien hemm ħafna fliexken itiru. Hu kkonferma li għalkemm l-akkużati kienu preżenti hemmhekk, qal li ma rahomx jagħmlu xi ħaġa. Hu kkonferma wkoll l-istejjem tal-ħsarat ikkaġunati lill-faċċata.[4]

Xehdet ukoll Eva Cali[5] li qalet li dakinhar kienet fl-istabbiliment Club H flimkien ma Bashar Sheikh Ahmad Anter u semgħet kommissjoni għaddejja. Hi telqet 'l hemm għax semgħet il-ħġieġ jinkiser. Meta rritornat lura fuq il-post rat illi Bashar Sheikh Ahmad Anter kellu xi demm fuq rasu però ma tafx kif weġġa. Qalet li rat lill-*bouncers* u lil xi Sirjani jargumentaw

---

[2] Ara x-xhieda mogħtija fil-15 ta' Jannar 2021, a fol. 52 tal-atti proċesswali.
[3] Ara x-xhieda mogħtija fil-15 ta' Jannar 2021, a fol. 60 tal-atti proċesswali.
[4] Ara x-xhieda mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2021, a fol. 71A tal-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda mogħtija fl-10 ta' Novembru 2021, a fol. 74 tal-atti proċesswali.

bejniethom. Qalet li rat xi nies jitfgħu il-ħġieġ. Qalet li rat lil xi persuni jargumentaw mal-bouncers u jidrilha li dawn kienu l-akkużati.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirriżulta mingħajr dubju li kemm Bashar Sheikh Ahmad Anter kif ukoll Yusef Ahmad Haled kienu fl-istabbiliment "Club H" fil-mumenti li seħħew dawn l-allegati inċidenti. Jirriżulta li għal xi raġuni, wieħed mill-bouncers ta' dan l-istabbiliment eskorta persuna ta' nazzjonalità Sirjana 'l barra mill-istabbiliment u li Bashar Sheikh Ahmad Anter ma ikellem lill-istess bouncer bil-għan li jikkonvinċieħ ma joħorġux. Il-bouncer, da parti tiegħu eskorta kemm lil dik il-persuna u lill-akkużat Bashar Sheikh Ahmad Anter. M'huwiex ċar eżattament x'ġara wara ħlief li kien hemm "xita ta' fliexken" mitfugħa mit-triq lejn il-faċċata ta' "Club H".

Illi fix-xhieda tiegħu, PS750 Terry James Mallia qal li hu talab li jingħata s-CCTV mill-cameras tal-LESA. Il-filmat ippreżentat, madanakollu, jidher li huwa filmat meħud minn sit elettroniku tal-aħbarijiet lokali u mhux minn CCTVs li kienu fil-lok. Di più, ma tressaq ħadd sabiex jikkonferma l-awtentiċità ta' dan il-filmat u b'hekk il-Qorti hija kostretta tiskartaħ.

Illi di più, ħadd mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni ma identifika lill-akkużati, jew tal-inqas wieħed minnhom, bħala persuna li waddbet il-fliexken lejn il-faċċata tal-istabbiliment. Anzi, meta xehed Joseph Rivans qal li għalkemm l-akkużati kienu preżenti, ma ra lil ħadd minnhom jagħmel xi ħaġa. Di più, mix-xhieda ta' Matthew Camilleri ħareġ illi Yusef Ahmad Haled kien qed iwaqqaf il-ġlied u minkejja li hu ħareġ lil Bashar Sheikh Ahmad Anter mill-istabbiliment, dan ma ta ebda inkwiet.

Illi minkejja li ġie pprovat li l-akkużati kienu preżenti fil-mument tal-allegati inċidenti ma jfissirx li l-akkużati awtomatikament kienu parteċipi f'dan l-inċident jew li wettqu l-allegati ħsarat. Illi anke kieku stess saret xi prova f'dan is-sens, l-ammont ta' l-allegati danni kkaġonati ma ġiex ipprovat sal-grad rikjest mil-liġi. Dan qed jingħad għaliex minkejja li ġew preżentati stejjem tal-allegati ħsarat, dawn la ġew ikkonfermati minn persuna li għandha r-rappreżentanza tal-istabbiliment u l-anqas mill-persuna li effettivament ħarġet dawn l-istejjem.

Illi b'hekk, fuq l-iskorta tal-provi preżentati, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tagħhom.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tat-tieni akkuża, ċioè li volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, għall-istess raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti tqis li ma tressqet ebda prova li l-akkużati, jew min minnhom, kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. Huwa vera li kien hemm kommossjoni quddiem l-istabbiliment "Club H" u huwa vera wkoll li l-akkużati kienu preżenti f'dak il-mument. Peró ma tressqet ebda prova in sostenn tal-parteċipazzjoni attiva tagħhom f'dan is-sinistru.

Illi b'hekk, il-Qorti qed tillibera wkoll lill-akkużati minn din it-tieni akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi it-tielet akkuża hija talli f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku kienu jinsabu fis-sakra b'mod li ma kienux jistgħu jieħdu ħsieb tagħhom nfushom.

Illi f'dan ir-rigward, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova fir-rigward tal-allegat stat ta' sokor tal-akkużati, jew min minnhom. Għalkemm idealment tali akkużat timporta l-preżentata ta' riżultat ta' test li jkejjel il-livell ta' alkoħol fid-demm, il-prosekuzzjoni lanqas biss ressqet xhud li qat li l-akkużati, jew min minnhom, kienu fi stat ta' sokor, aħseb u ara stat ta' sokor li ma kienux kapaċi jiedħu ħsieb tagħhom infushom.

Illi b'hekk, anke din it-tielet akkuża ma ġietx suffiċjentement ipprovata.

**Deċide:**

Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 325(1)(a), 338(dd) u 338(ff), qed issib lil **Bashar Sheikh Ahmad Antar** u **Yusef Sheh Ahmad Haled mhux ħatja** ta' l-akkużi dedotti kontra tagħhom u qed tilliberhom minn kull ħtija u piena dwarhom.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
Deputat Reġistratur